MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 107/2007

**Id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali**

**-vs-**

**Paul Zammit – ID 392956M**

**Il-Qorti:**

**Rat** ir-rikors mahluf presentat fil-31 ta’ Jannar 2007 li jghid hekk:

“ Illi s-socjeta’ Saguna Company Limited kienet talbet u otteniet il-hrug ta’ Mandat ta’ Qbid in kawtela ta’ titolu ezekuttiv vantat minnha skont Kuntratt ta’ Kostituzzjoni ta’ Debitu in Atti Nutar Dottor Edward Flores tad-29 ta’ Lulju 2004, u liema Kuntratt gie rez ezegwibbli permezz ta’ Ittra Ufficjali tat-23 ta’ Awissu 2005, debitament notifikata (DOK A) ;

Illi s-socjeta' Saguna Company Limited talbet illi l-Mandat Nru 828/06 JVA jigi ezegwit fuq id-dghajsa bl-isem "Mermaid" li tinsab Bugibba Jetty ;

Illi t-talba tas-socjeta' Saguna Company Limited giet akkordata minn dina l-Onorabbli Qorti fit-30 ta' Mejju 2006 u l-Mandat gie ezegwit fil-31 ta' Mejju 2006 mill-Marixxall Joseph Azzopardi (DOK B) ;

Illi madanakollu jirrizulta li ghalkemm id-dghajsa "Mermaid" tinsab prezentement maqbuda permezz tal-Mandat 828/06 JVA xorta wahda d-debitur qieghed jaghmel uzu minnha u dan b'disprezz lejn l-Awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti ;

Illi tali allegazzjoni tas-socjeta' Saguna Company Limited hija kkorraborata permezz ta' ritratti mehuda fid-9 ta' Gunju 2006 minn George Grech, direttur tas-socjeta' esponenti, f'liema ritratti jidher l-istess debitur flimkien ma' persuni ohra fuq l-imsemmija dghajsa, liema ritratti jinsabu hawn annessi, esebiti u mmarkati bhala DOK C u sussegwentement id-debitur hareg bid-dghajsa jdur lejn l-akkwati tal-Gzejjer ;

Illi permezz ta' rikors ipprezentat fit-22 ta' Gunju 2006 l-imsemmija socjeta' Saguna Company Limited gabet ghal konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti dana kollu u talbet li din l-Onorabbli Qorti tordna li jinbdew kontra l-intimat Paul Zammit proceduri ghal disprezz lejn l-awtorita' taghha *ai termini* tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12 (DOK D) ;

Illi b'digriet tat-22 ta' Gunju 2006 din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba tal-attrici (DOK E) ;

Illi ghalhekk qieghda ssir din il-kawza ;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet premessi l-attur qeghed jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex :-

1. Issib lill-intimat Paul Zammit hati ta' disprezz ghall-awtorita' taghha fit-termini tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kapitolu 12 ; u

2. Konsegwentement tikkundanna lill-istess intimat Paul Zammit ghall-pieni preskritti mil-ligi fl-istess Titolu XVII fuq imsemmi.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni u bit-twissija li jekk ma jidhirx huwa jista' jigi mgieghel biex iwiegeb ghall-akkuza bil-mezz ta' mandat ta' skorta jew arrest. "

**Rat** il-lista tax-xhieda indikati mill-attur flimkien mad-dokumenti li kienu annessi mar-rikors mahluf.

**Rat** ir-risposta mahlufa tal-konvenut presentata fil-<u>31 ta' Mejju 2007</u> li tghid hekk:-

" 1. Illi l-uzu li ghamel l-esponenti bid-dghajsa 'Mermaid' huwa wiehed korrett minkejja l-ordni tal-mandat numru 828/06 JVA kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-kawza ;

2. Illi konsegwentement l-esponenti ma ghandux jinstab hati ta' disprezz *ai termini* tat-Titolu XVII tat-Tielet Ktieb tal-Kap. 12. Isegwi ghalhekk li l-esponenti ma ghandu jhallas ebda danni kif mitlub fic-citazzjoni fl-ismijiet premessi.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra. "

**Rat** il-lista tax-xhieda ndikati mill-konvenut.

**Rat** li l-attur iddikjara l-gheluq tal-provi tieghu fl-udjenza tal-11 ta' Frar 2008 (fol 49).

**Rat** in-nota presentata fl-udjenza tat-8 ta' Ottubru 2008 (fol 57) fejn l-Avukati Edward Gatt u Robert Sultana rrinunzjaw ghall-patrocinju tal-konvenut kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-Avukat Joseph Arrigo li kien qed jassumi l-patrocinju tal-konvenut.

**Rat** id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-8 ta’ Gunju 2009 fejn din il-Qorti ddikjarat maghluq l-istadju tal-provi tal-konvenut.

**Semghet** is-sottomissjonijiet finali tad-difensur tal-attur f’dik l-udjenza.

**Qieset** bir-reqqa l-provi tal-partijiet.

**Rat** l-atti kollha tal-kawza.

**Rat** id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn din il-Qorti halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza.

**Rat** in-nota tal-Avukat Joseph Arrigo presentata fis-6 ta’ Awissu 2009 fejn iddikjara li kien qed jirrinunzja ghall-patrocinju tal-konvenut.

**Ikkunsidrat –**

Mill-assjem tal-provi li tressqu, irrizultaw dawn il-fatti –

1) Is-socjeta’ Saguna Company Limited (“Saguna”) kienet kreditur esekuttiv tal-konvenut. It-titolu esekuttiv twieled wara li Saguna bieghet dghajsa bl-isem *Romantica* illum *Mermaid* lill-konvenut segwit mill-pubblikazzjoni ta’ att pubbliku datat 29 ta’ Lulju 2004 dwar kostituzzjoni ta’ dejn bejn Saguna u l-konvenut. Peress li l-konvenut baqa’ ma hallasx l-ammont dovut skont il-kuntratt, Saguna ppresentat ittra ufficjali fit-23 ta’ Awissu 2005 kontra l-konvenut sabiex tirrendi esegwibbli l-att pubbliku. Hekk sar u fis-26 ta’ Mejju 2006 Saguna ppresentat Mandat ta’ Qbid Nru. 828/2006 kontra l-konvenut ghas-somma komplessiva ta’ Lm 18,312.46 bil-hsieb li mbaghad din tinbiegh bis-subbasta halli Saguna tigbor flusha. Kopja tal-Mandat kienet notifikata lill-Awtorita’ Marittima ta’ Malta fit-30 ta’ Mejju 2006.

2) Skont George Grech (direttur ta’ Saguna), minkejja l-esekuzzjoni ta’ l-Mandat, il-konvenut baqa’ jaghmel uzu mid-dghajsa matul l-istagun kollu tas-sajf tal-2006 inkluz fid-9 ta’ Gunju 2006. Dak l-uzu kien qed johloq

pregudizzju ghall-kreditur minhabba r-riskju li bl-uzu ssir hsara lid-dghajsa.

3) L-esekuzzjoni tal-Mandat saret fil-31 ta' Mejju 2006 mill-Marixxall Joseph Azzopardi fil-vicinanzi tal-pont ta' San Pawl il-Bahar fil-presenza tal-konvenut. Ir-referta tghid hekk – *elevajt id-dokumenti tad-dghajsa li jisimha Mermaid li tinsab fuq id-debitur Paul Zammit*. Fir-referta hemm lista ta' dawn id-dokumenti.

4) Skont il-konvenut, wara li kienu elevati d-dokumenti, il-konvenut zamm il-*Mermaid* marbuta mal-moll ghal xahar u wara kiseb permess mill-Awtorita' Marittima ta' Malta ("MMA") sabiex jahdem mill-moll ta' Bugibba sa Kemmuna u minn Bugibba sal-Port tal-Belt. Ghalhekk kompla jsir uzu mid-dghajsa.

5) Minn taghrif moghti minn Mark Bruno Olivier bhala rappresentant tal-MMA fl-udjenza tal-14 ta' Jannar 2009 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, irrizulta li d-dghajsa in kwistjoni kienet trasferita lill-konvenut f'Lulju 2004 u f'Settembru 2005 kienet trasferita minn isem il-konvenut ghal fuq isem ibnu Taylon Zammit permezz ta' *notice of transfer* li kien iffirmat minnhom it-tnejn. L-*operator* u r-*registered owner* tad-dghajsa kien Taylon Zammit.

6) Permezz ta' digriet moghti minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-16 ta' Dicembru 2008 (fol 61) fir-rikors Nru. 1234/2008 fl-ismijiet *Saguna Company Limited vs Pawlu Zammit* kien ordnat li ma jsirx il-bejgh tad-dghajsa *Mermaid* u li l-istess dghajsa tinheles favur il-konvenut odjern.

7) Il-*Mermaid* hija registrata mal-MMA bhala *commercial vessel* u kien ilha hekk registrata is-snin. Bis-sahha ta' licenzja ta' dik ix-xorta, id-dghajsa tkun tista' ggorr passiggieri bi hlas fl-ibhra territorjali ta' Malta.

**Ikkunsidrat –**

Fis-sentenza "Bonello vs Onor. Prim Ministru et" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar 1997 inghad li *l-istitut li jirrigwarda r-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti (Titolu XVII tal-Kap. 12) hu ta' natura penali u hu mahsub biex jassigura l-buon ordni u d-dekor fil-kondotta tal-procedura. Hu istitut li jimponi sanzjonijiet u pieni fuq min jonqos mir-rispett lejn l-Awtorita' tal-Qorti.*

Wahda mill-poteri ewlenin ta' kull Qorti hija dik li taghti ordnijiet u fost dawn hemm il-hrug tal-Mandati (kemm esekuttivi kif ukoll kawtelatorji). Il-ksur ta' kull ordni jikkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita' li bis-sahha taghha tkun inghatat dik l-ordni (C.J. Miller – *Contempt of Court* – 2nd Edition 1990 – 25-29). L-interess socjali u l-buon ordni pubbliku jesigu li l-ordnijiet tal-Qorti jigu obduti u jigu kontrarjati u puniti l-infrazzjonijiet ta' dawk l-ordnijiet (Vol.XXIX.II.1023 ; "Camilleri noe vs Vella" – Qorti tal-Appell – 7 ta' Ottubru 1997).

Fis-sentenza tieghu fil-kawza *In Re Bramblevale Limited* (1970) Lord Denning ikompli jfisser u jkompli jinkwadra n-natura tal-istitut – *This kind of contempt has the characteristics which are common to all contempts of court. It is a criminal offence. It must be proved beyond reasonable doubt.* (sottolinear ta' din il-Qorti)

U tibqa' ta' dik ix-xorta anke jekk jiehu s-sura ta' procediment civili bhal fil-kaz in ezami (Vol.LXXV.II.526)

Ghalhekk l-akkuza ta' disprezz iggib maghha l-htiega li ssir il-prova minn min qed iressaq l-akkuza li l-persuna akkuzata riedet tisfida lill-Qorti u l-awtorita' taghha (PA/RCP – 12 ta' Dicembru 2001 – "Registratur tal-Qrati Superjuri vs Mizzi").

Il-prova tal-element intenzjonali hija vitali u tikkostitwixxi l-agir tad-disprezz b'mod li minghajru ma jsir l-ebda disprezz (Vol.LXVII.II.7)

Izda l-intenzjoni ma tiddependix minn jekk il-persuna akkuzata tqisx l-ordni moghti lilha bhala korrett jew le. Is-siwi ta' dik l-ordni sakemm ma jithassarx b'ordni iehor tal-

Qorti nnfisha jew ta' qorti ohra huwa raguni oggettiva li torbot lill-konvenut li joqghod ghaliha, jaqbel jew ma jaqbilx maghha. Hekk stabbilew il-Qrati taghna, ukoll fejn wara rrizulta li l-ordni tal-Qorti kien null u bla effett – (Appell Civili – 7 ta' Ottubru 1997 – "Camilleri noe vs Vella").

Ghalhekk il-procediment tad-disprezz huwa sanzjoni kontra min ikun gab b'idejh u b'ghemilu jew bl-omissjoni tieghu skont il-kaz ksur ta' ordni moghtija lilu. L-attur f'kawza ta' din ix-xorta qieghed huwa nnifsu jesegwixxi ordni moghtija lilu minn Qorti kompetenti biex jibda dawn il-proceduri. L-attur odjern m'ghandux x'jirbah xejn b'tali proceduri ghajr li jizgura li tkun imharsa l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja (Vol.LXXIV.III.546)

**Ikkunsidrat –**

Dak li wassal biex saret din il-kawza kien ir-rikors tal-kreditur tat-22 ta' Gunju 2006 (fol 21). Il-lanjanza tieghu kienet li *nonostante* l-esekuzzjoni tal-Mandat ta' Qbid Nru. 828/2006 fuq id-dghajsa "Mermaid", *xorta wahda d-debitur qieghed jaghmel uzu minnha, u dan b'disprezz lejn l-Awtorita' ta' dina l-Onorabbli Qorti.* Kawzali identika kienet inserita mill-attur fir-rikors mahluf.

Sabiex jirrizulta disprezz lejn l-Awtorita' tal-Qorti, mhux bizzejjed li jirrizulta l-uzu tad-dghajsa mid-debitur, izda l-intenzjoni tieghu li propju b'dak l-uzu juri disprezz lejn l-Awtorita' ta' l-Qorti.

Fuq l-iskorta tal-provi akkwisiti, din il-Qorti baqghet perplessa ghall-mod kif agixxa l-kreditur qabel ippresenta l-Mandat *de quo*, u ghall-mod kif wiegeb id-debitur ghall-esekuzzjoni tal-istess Mandat.

Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm id-debitur kien il-konvenut odjern, irrizulta li sa minn qabel id-data tal-presentata u tal-esekuzzjoni tal-Mandat *de quo*, u cioe' minn Settembru 2005, il-*Mermaid* ma baqghetx propjeta' tad-debitur izda kienet saret propjeta' tat-tifel tieghu

Telyon Zammit ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi wara li sar l-appositu trasferiment. L-uzu baqa' jsir mill-konvenut.

Il-perplessita' ta' din il-Qorti tohrog mill-fatt li qabel ippresenta l-Mandat *de quo* ma jirrizultax li l-kreditur ivverifika mal-MMA jekk il-konvenut kienx ghadu s-sid tal-*Mermaid.* Kieku sar hekk il-kreditur kien jirregola ruhu diversament.

Din il-Qorti tibqa' perplessa wkoll bl-attitudini tal-konvenut u ta' sid id-dghajsa meta kienu rinfaccjati bl-esekuzzjoni tal-Mandat *de quo* ghaliex fir-rigward tal-konvenut l-icken haga li seta' jaghmel kien li fil-pront javza lill-Marixxal Joseph Azzopardi li l-*Mermaid* ma kenitx registrata f'ismu izda f'isem ibnu Telyon Zammit sabiex kien jinkludi dan il-fatt rilevanti fir-referta, waqt li fir-rigward tal-istess Telyon Zammit l-icken haga li wiehed kien jistenna minnu kien li jiehu azzjoni sabiex jitlob ir-revoka tal-Mandat *una volta* hu kien is-sid u hu ma kienx id-debitur ta' Saguna. Flok sar hekk, il-konvenut baqa' jaghmel uzu mill-*Mermaid* bhala *commercial vessel* kif *del resto* ikkonferma huwa stess fir-risposta mahlufa.

*Una volta* l-esekuzzjoni tal-Mandat *de quo* konsegwenti ghall-ordni tal-Qorti ma gietx kontestata bi proceduri *ad hoc* kontemplati bil-ligi da parti tal-konvenut jew ibnu, dik l-ordni kellha tkun osservata u l-fatt mhux kontestat mill-konvenut li baqa' jsir uzu mill-*Mermaid* matul is-sajf kollu tal-2006 huwa prova mhux biss tal-fatt izda tal-intenzjoni li jitwettaq disprezz. U din il-prova saret minghajr dubbju dettat mir-raguni. Abbazi tal-provi akkwisiti, din il-Qorti ma ltaqghet ma' l-ebda prova li tqieghed fid-dubbju it-twettieq tad-disprezz da parti tal-konvenut. *Del resto* din il-Qorti mhix se tiddiskosta ruhha mill-gurisprudenza li diga' saret riferenza ghaliha qabel u cioe' li dment li l-ordni ma tithassarx b'ordni iehor dik hija raguni oggettiva li torbot lill-konvenut li joqghod ghal dik l-ordni, jaqbel jew ma jaqbilx maghha, anke jekk dik l-ordni tirrizulta nulla u bla effett. Fil-kaz in ezami, irrizulta li fiz-zmien kollu li kien qed isir uzu kummercjali tal-*Mermaid* sahansitra bl-approvazzjoni tal-MMA (skont il-konvenut) l-ordni tal-Mandat *de quo* kienet ghadha fis-sehh.

Din il-Qorti tghid li l-imgieba tal-konvenut tammonta ghal disprezz u ghalhekk it-talbiet tal-attur jimmeritaw li jintlaqghu.

Ghal dik li hija piena, din il-Qorti se tqis min-naha wahda l-fatt li certament il-konvenut ibbenefika mill-profitt li nholoq bl-uzu kummercjali tal-*Mermaid* matul is-sajf tal-2006 meta kienet kolpita bil-Mandat *de quo*, u min-naha l-ohra se tqis il-fatt li l-kreditur u l-konvenut jidher li lahqu ftehim bejniethom tant li d-dghajsa giet mehlusa favur il-konvenut (fol 61).

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda tiddeciedi billi -**

**Filwaqt li <u>tichad</u> l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut ;**

**<u>Tilqa' l-ewwel talba attrici</u> u ssib il-konvenut hati ta' disprezz lejn l-Awtorita' Taghha ;**

**<u>Tilqa' t-tieni talba attrici</u> u, b'applikazzjoni tal-Artikolu 997(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas *multa* ta' hames mitt Ewro (€500) fi zmien tletin (30) gurnata mil-lum, konvertibbli f'detenzjoni kif jipprovdi l-Artikolu 1002 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta ;**

**<u>Tikkundanna</u> lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjes kollha ta' din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------